MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 55/1989/4

**Salem Nuri Razzewi**

**Vs**

**Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**
**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-20 ta’ Jannar, 1989, li fiha wara li ppremetta ili fit-12 ta’ Gunju, 1998, ghall-habta tal-10.30 p.m., waqt li l-k kien qed isuq vettura mudell Mazda targata H1635 u dan minn Triq Testaferrata, l-Gzira, minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sewqan, tajjar lill-attur.

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident l-attur garrab danni kbar fosthom dawk fil-persuna tieghu konsistenti f’debilitazzjoni permanenti u telf ta’ qligh mix-xoghol tieghu kif ukoll spejjez ta’ kura fl-isptar u spejjez ohra konsegwenzjali.

Illi l-konvenut qed jirrespingi kull addebitu ta’ htija.

Talab ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kollha kagunati lill-attur fl-incident fuq riferit u dan in vista ta’ negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan;

2. Tillikwida d-danni kollha mgarrba mill-attur okkorendo bl-opra ta’ perit nominandi;

3. Tikkundannah biex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bhala danni ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata tal-presenti att ta’ citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-istess biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li biha ecepixxa:-

1. Illi t-talba tal-attur hija infondata fid-dritt u fil-fatt, u dana ghaliex huwa fil-gurnata msemmija fic-citazzjoni ma kienx qed isuq il-vettura li ggib in-numru H1635, kif allegat li kien qed jaghmel fic-citazzjoni u izjed il-ghaliex huwa ma tajjar lill-hadd fil-gurnata msemmija fic-citazzjoni;

2. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-3 ta’ April, 1992, li in forza tieghu cahdet it-talba tal-konvenut sabiex Dr Anthony Abela Medici jkun jista’ jesebixxi kopja tar-rapport li huwa hejja fuq il-kaz in konnessjoni mal-hatra tieghu bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti li kien qed jinvestiga l-incident in kwistjoni;

Rat ir-rikors tal-Appellipprezentat mill-konvenut fejn talab ir-revoka tal-imsemmi digriet;

Rat id-decisjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-8 ta' Novembru, 1995, li bis-sahha taghha, fit-terminu tal-artikolu 229(1)(f) tal-Kap. 12, iddecidiet li ma tiehux aktar konjizzjoni tal-appell li ghandu jigi rimess minn fuq il-lista tas-smigh; dik il-Qorti rrinvjat l-atti lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat ukoll li l-ispejjez ta' dak l-appell jigu sopportati mill-partijiet ugwalment bejniethom, cioe', nofs kull wiehed.

Rat il-verbal tal-20 ta' Marzu, 1996, li fih b'intiza mad-difensuri tal-partijiet, is-smigh tal-provi kien limitat ghal kwistjoni tar-responsabbilta' ta' l-incident;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru, 1996, li in forza tieghu din il-Qorti cahdet it-talba ghall-produzzjoni tal-Magistrat (illum Imhallef) Dr. David Scicluna bhala xhud;

Rat ir-Rikors tal-Appell tal-konvenut fejn talab ir-revoka tad-digriet indikat u b'hekk ikun awtorizzat iressaq bhala xhud lill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. David Scicluna;

Rat id-decisjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju, 2000, li bis-sahha taghha dik l-Onorabbli Qorti cahdet l-appell u kkonfermat id-digriet appellat bl-ispejjez kontra l-appellant. Gie dikjarat ukoll li kellu jibqa' accessibili ghall-konvenut appellant id-dritt li jerga' jipproponi t-talba tieghu f'kaz li jkun f'posizzjoni li jissodisfa l-vot tal-ligi kif rikjest fl-artikolu 158(4) tal-kapitolu 12, liema eventwali talba din il-Qorti kellha tikkunsidra u tevalwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula minn dik l-Onorabbli Qorti f'dik id-decizjoni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju, 2002, li in forza tieghu il-konvenut gie awtorizzat jipprezenta kopja ufficcjali tal-process verbal li kien gie irregistrat mill-Magistrat Inkwirenti;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2002, il-konvenut la deher, la esebixxa kopja ufficcjali tal-process verbal, u lanqas ma ressaq provi ohra, u din il-kawza, b'hekk, thalliet ghas-sentenza fuq il-kwistjoni tar-responsabbilta';

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Settembru, 2002, li bih issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza biex taghti lill-konvenut opportunita' li jressaq Nota tal-Osservazzjonijiet u l-"process verbal" tal-inkjesta Magisterjali;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjati bejn id-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar ir-responsabbilita' ghall-akkadut;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza titratta incident awtomobilistiku li sehh fil-Gzira fit-12 ta' Gunju, 1988. Waqt li l-attur kien f'Testaferrata Street, gie mtajjar b'karozza u, peress li kellu griehi serji, ittiehed l-isptar. L-attur jaf li laqtitu karozza bajda, pero' ma kien jaf xejn aktar. L-incident allegatament rawh zewg guvintur, Carmel Farrugia u Vincent Bonello, li kienu f'karozza li kienet qed tinsaq wara l-karozza bajda tal-konvenut; huma raw lill-karozza tolqot lill-attur u tibqa' sejra. Huma segwew lil dik il-karozza bajda sakemm din waqfet tas-Sliema. Hawnhekk, dawk iz-zewg guvintur, kelmu lill-konvenut u qalulu x'gara. Il-konvenut wiegeb li, sa fejn jaf hu, ma laqat lil hadd u ma tajjar lil hadd. Fuq dan l-incident sar rapport l-Ghassa u infethet inkjesta. Il-konvenut baqa' jichad li hu tajjar lill-attur u l-kwistjoni li trid tigi determinata f'din is-sentenza hija l-ewwel, jekk kienx il-konvenut li laqat lill-attur, u t-tieni, jekk l-incident sehhx tort tal-konvenut.

Is-soluzzjoni tal-kwistjoni meritu ta' din il-kawza mhux wahda facli ghall-gudikant ghax provi oggettivi li l-konvenut tajjar lill-attur ma jezistux. Jirrizulta bhala fatt li l-konvenut kien qed isuq vettura bajda, Mazda 323, f'Testaferrata Street, il-Gzira, u dana fil-hin tal-incident,

pero', jekk dan laqatx jew le lill-attur ghandu jiddependi minn jekk ix-xhieda Carmel Farrugia u Vincent Bonello ghandhomx jew le jinghataw kredibilita' u, sfortunatament, din il-Qorti, kif issa presjeduta, ma kellhiex okkazjoni tisma lix-xhieda taghhom u tivvaluta l-komportament taghhom, u jkollha toqghod fuq dak li jirrizulta datilografat. Kienu dawn iz-zewg xhieda li raw lill-konvenut itajjar lill-attur u jibqa' sejjer, u kienu huma li segwew lill-konvenut tul it-triq sakemm setghu javvicinawh, jikkonfrontawh bl-incident u jirraportaw dak li raw lill-Pulizija.

Din il-Qorti, kif issa presjeduta, qrat bir-reqqa x-xhieda li taw dawn iz-zewg xhieda u, fil-verita', ma tarax ghaliex m'ghandhiex taghtihom kredibilita'. Fil-*gran parte*, dawn kienu konsistenti fix-xhieda taghhom, u x-xhieda li taw quddiem din il-Qorti taqbel, bejn wiehed u iehor, mal-istqarrija li kienu taw fl-inkjesta ftit wara l-incident. Ovvjament fuq xi dettalji ma jaqblux, izda dan, fil-fehma tal-Qorti, ikompli jzid il-kredibilita' taghhom, ghax xhieda ta' tnejn min-nies li taqbel fl-anqas dettal, tkun tidher aktar suspettuza.

Dawn ix-xhieda, in sintesi, jghidu li raw il-karozza tal-konvenut quddiemhom, u ghalkemm kienu ftit mghaglin, ma setghux joltrepassawha peress li din kienet qed isserrep il-hin kollu u, b'dak is-sewqan, kien perikoluz ghalihom jittentaw sorpass. Meta waslu f'Testaferrata Street, raw lill-konvenut jolqot lill-attur, itajjru u dan waqa' quddiem il-karozza taghhom. Waqfu, raw li kien hemm xi nies li hargu u daru mal-vittma, u peress li l-konvenut baqa' sejjer, saqu ghal warajh. Meta l-konvenut waqaf tas-Sliema, waqfu hdejh, kellmuh b'ton ta' rabja (ghax skond huma, kien tajjar bniedem u baqa' sejjer), u saqu lura lejn il-post tal-incident, il-konvenut akkompanjat minn gar fil-vettura tieghu. Il-konvenut cahad u baqa' jichad li laqghat lill-attur.

Ix-xhieda li taw dawn iz-zewg persuni tidher kredibbli ghax hija korroborata minn provi ohra f'certi dettalji importanti. Hekk il-konvenut, skond huma, kien qed isuq vettura bajda tat-tip Mazda 323. Il-konvenut jikkonferma li kien qed isuq dik it-tip u kulur tal-vettura fl-istess hin tal-

incident, fi kliem iehor, il-konvenut ipoggi lilu nnifsu fil-post u hin tal-incident. Ghalkemm l-attur ma jafx min laqtu, huwa cert li laqtitu karozza bajda u li dik il-karozza “aktarx” li kienet tat-tip Mazda (fol. 61). L-attur jghid li ezatt wara l-incident, waqfu zewg zghazagh, li kienu qed isuqu karozza hamra, u qalulu li raw min tajru (fol. 46). Il-Pulizija PS630 Carmel Micallef, li mar ‘*on site*’ ftit wara l-incident xehed li meta kellem lin-nies li raw l-incident, qalulu li “ir-ragel kien gie mtajjar <u>minn karozza bajda</u> (fol. 90).

F’certi dettalji ohra li, forsi, mhux relatati direttament mal-incident, dawn iz-zewg xhieda jinsabu wkoll korraborati minn provi ohra, li tkompli taghti kredibilita’ lill-verzjoni taghhom. Vincent Bonello, per ezempju, jghid li, wara l-incident, l-attur spicca mal-bankina wiccu ‘l fuq (fol. 98); dan jikkonfermah l-attur stess. Dawn ix-xhieda jaqblu ukoll mal-attur fil-posizzjoni tal-karozza pparkjata ftit ‘il fuq minn fejn l-attur kien wieqaf fuq il-bankina. Dawn ix-xhieda jghidu wkoll li meta ikkonfrontaw lill-konvenut, dan qalilhom li ma kellu l-ebda ideja li tajjar bniedem, u li kieku kien jaf li laqat bniedem kien jieqaf, ghax anke meta kien laqat qattus kien waqaf; il-konvenut ikkonferma li qalilhom dan id-diskors. Fil-fatt, ix-xhieda kollha li taw dawn iz-zewg xhieda hija korraborata kollha kemm hi mill-konvenut stess, hlief ovvjament, ghall-fatt li l-konvenut laqghat lill-attur, u ghal dettal iehor, fejn ix-xhieda qalu li raw lill-konvenut, wara l-incident, jidhol f’karru u jfarku u jkollu *puncture* – dettal li l-konvenut, forsi ma riedx jammetti biex ma jikxifx li kien ftit xurban?! Il-konvenut jaqbel li kellu *puncture*, izda ma jaghti ebda spjegazzjoni meta u kif dan sehh.

Ix-xhieda tal-konvenut, min-naha l-ohra, fiha hafna diskrepanzi. Hekk, per ezempju, la fl-istqarrija u lanqas meta xehed minn jeddu ma semma li, wara li gie konfrontat miz-zewg zghazagh, huwa rega’ mar fuq il-lok tal-incident, f’Testafereata Street; anzi qal li, waqt li kien sejjer lejn Testaferrata Street mal-Pulizija, il-Pulizija giet infurmata li l-vittma ittiehed l-isptar, u hu u l-Puluzija baqghu sejrin l-isptar. Dak il-gar li kien riekeb mieghu, pero’, xehed li huma baqghu sejrin lejn Testaferrata Street

fuq il-lok tal-incident, u kien hemm li l-Pulizija qalulu li l-vittma kien ittiehed l-isptar (fol. 135). Jidher ukoll li l-konvenut ma jaqbilx ma' Frank Pullicino dwar jekk, meta marru l-isptar, il-konvenut kellhimx jew le lit-tobba li kienu qed jikkuraw lill-attur. Il-konvenut, anke, jiddubita l-istatement tieghu, tant li l-ewwel qal li ttajpjah hu stess (fol. 109), u darba ohra jghid li qrah izda "ma ikkoregejtux minhabba xi konfuzjoni li kien hemm fl-Ghassa tal-Pulizija" (fol. 125). Il-konvenut anzi, jghid li sentenza partikolari fl-istatement tieghu li ma qabilx maghha, "qala is-surgent u mhux jiena"; donnu nesa li kien qal li "l-istatement tieghi ittajpjajtu <u>jien stess</u>"!

Fix-xhieda tal-konvenut hemm diskrepanzi ukoll mal-okkorrenza tal-Pulizija, dwar, jekk marx fuq il-post fil-karozza tieghu jew tal-gar tieghu u dwar il-fatt jekk marx lura f'Testaferrata Street. Hi stramba ukoll kif il-konvenut, ghalkemm baqa' jinsisti li ma kellux x'jaqsam, accetta li jmur lura fuq il-post tal-incident, u anke li jmur l-isptar, izda ma riedx jiltaqa ma' l-attur.

Fl-episodju tal-isptar, in partikolari, tidher ftit stramba; jekk l-konvenut ma riedx ikellem lill-attur "ghax ma kellux x'jaqsam", ghalfejn mar l-isptar?

Din il-Qorti qrat ix-xhieda li nghatat f'din il-kawza, aktar minn darba, u aktar ma taqrha, aktar tinsab konvinta li kien il-konvenut li laqghat lill-attur. Hawnhekk m'ahniex fil-kamp kriminali fejn htija trid tirrizulta minghajr dubbju ragjonevoli, izda fil-kamp civili fejn ir-responsabbilita' bizzejjed li tirrizulta "*on a balance of probabilities*". Inoltre, din il-Qorti trid toqghod fuq dak li rrizulta f'dawn l-atti, u mhux fuq dak li setgha gie registrat li ntqal band'ohra, jew fuq dak li setgha rrizulta minn xi testijiet li ma sarux taht il-kontroll tal-partijiet involuti u ta' din il-Qorti. Din il-Qorti, tikkonkludi li, fuq grad ta' probabbilita' kien il-konvenut li laqghat lill-attur u kkagunalu griehi.

Jista' jkun, u probabbli hekk hu, li l-konvenut ma ndunax li laqat lill-attur. Forsi ghax kien id-dlam jew minhabba li l-istat tieghu dak il-hin ta' l-incident, il-konvenut ma rrealizzax li kien laqghat persuna, izda fil-fehma tal-Qorti,

ic-cirkustanzi tal-kaz kollha jindikaw lejn ir-responsabbilita' tal-konvenut. Veru li minn ezami tal-vettura tal-attur, ma jirrizultax preciz jekk kienetx involuta fl-incident jew le, pero' lanqas ma gie eskluz. Ticpis tad-demm ma nstabux, izda nstabu diversi daqqiet, whud, skond Dr Abela Medici, friski (fol. 153). Ghalkemm id-daqqiet fuq il-karozzi ma setghux jigu relatati mal-incident, ma giex eskluz f'dawn l-atti, li dik il-karozza setghet kienet involuta fl-incident. Il-karozza ta' ezatt warajh, dik taz-zewg xhieda msemmija, iirizulta li ma kellha ebda daqqa (fol. 93), fatt li tkompli titfa aktar verosimiljanza fuq il-versjoni li huma taw.

Stabbilit li l-konvenut kien tajjar lill-attur, irid, issa, jigi stabbilit jekk il-konvenut kellux tort fl-incident. L-attur jidher li kien fuq il-bankina, jew, kif jghid aktar tard fil-kors tal-kawza, sieq fuq u sieq taht il-bankina (fol. 73). Ix-xhud Vincent Bonello jikkonferma li l-attur kien ghadu kemm nizel mill-bankina meta ittajjar mill-konvenut. Persuna miexja fuq il-bankina u li taqbad u tinzel fil-karreggjata fejn ikunu ghaddejjin il-karozzi, hafna drabi tkun tassumi hi stess ir-responsabbilita' jekk tintlaqat, ghax jekk tahsad sewwieq billi tfegg f'daqqa wahda quddiemu, ir-responsabbilita' ghandha tkun kollha taghha.

Dan il-kaz, pero' ma kienx hekk. L-attur kien, fl-ahjar ipotesi ghall-konvenut, ezatt taht il-bankina, u l-konvenut, ghalkemm kellu jsuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq, kif fil-fatt, kien, ma kellux isuq razenti l-bankina. Din il-Qorti tfakkar li, ghal xi zmien, ir-regolament tat-traffiku kienu jghidu li sewwieq ghandu jsuq "*on the extreme left*", izda din giet mibdula biex tindika li sewwieq ghandux jsuq "*on the left*", precisament biex tkun cara li s-sewwieq m'ghandux isuq jew jafas ma bankina, hlief biex jipparkja. Il-konvenut kien traskurat meta resaq lejn il-bankina, u dan jikkonferma li l-konvenut verament kien qed iserreb fit-triq. F'kull kaz, jirrizulta li l-attur kien ghadu taht il-bankina meta ittajjar, u l-konvenut ma kellux jersaq vicin il-bankina la darba ma kienx fi hsieb li jieqaf hemm. Sal mument tal-incident, l-attur kien ghadu f'post fejn ma kellux jintlaqat minn sewwieq prudenti, u l-fatt li ntlaqghat, jindika li l-konvenut kien negligenti fis-sewqan tieghu u ghandu jinstab responsabbli ghall-griehi li sofra l-attur.

Peress li din id-decisjoni hija limitata ghall-kwistjoni ta' responsabbilita', il-likwidazzjoni tad-danni qed tigi riservata ghal stadju ulterjuri tas-smigh ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti, previa li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba tal-attur kif dedotta, u tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni tas-smigh tal-provi fuq it-tieni u t-tielet talba tal-attur.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni jithallsu mill-konvenut.

**IMHALLEF**

**D/REG**